MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 2503/2002/1

**L-Avukat Dottor Damian Damian von Schembri**

**vs**

**Miriam Mintoff**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Marzu, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) rapprezentanti danni kagunati mill-agir illegali tal-konvenuta skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta'

Ottubru 2002 (Magistrat Dottor Dennis Montebello) u cioe' hlas professjonali ghal pariri, ittri, kwerela u attendenza fil-kawza, bl-imghax legali mis-17 ta' Ottubru 2002 u bl-ispejjes kontra l-konvenuta ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet li hija bl-ebda mod ma ngurjat jew iddannegjat lill-attur kif dan qieghed jippretendi. Inoltre l-proceduri gudizzjarji spiccaw b'dikjarazzjoni li l-procediment kien ezawrit u ma kien hemm ebda sentenza tal-qorti li sabet lill-konvenuta hatja.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2003 fejn it-Tribunal ssolleva l-inkompetenza tieghu 'rationae materiae' sabiex jiddeciedi dwar it-talbiet attrici.

Sema' x-xhieda tal-attur.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-kwistjoni ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jiddetermina l-kwistjoni.

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal qed jissolleva l-inkompetenza tieghu rationae materiae sabiex jisma' u jiddeciedi dwar l-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 774(b) tal-Kap. 12 liema Artikolu jistabbilixxi li l-Qorti tista' l-kwistjoni ta' kompetenza 'ex ufficio' u fi kwalsiasi stadju tal-proceduri, salv fil-Qorti tal-Appell.

Illi l-Artikolu 3(2) tal-Att V tal-1995 jipprovdi li, 'It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija".

Illi fil-fehma tat-Tribunal it-talba tal-attur fil-kawza odjerna m'hijiex talba ta' flus ai termini ta' dan l-Artikolu. Mid-dicitura tal-Avviz tat-Talba jirrizulta li l-ammont mitlub mill-attur jirrigwarda danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-agir illegali tal-konvenuta u konsistenti fi hlas professjonali bhal pariri, ittri, kwerela u attendenza fi proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Jidher ghalhekk li parti mill-ammont mitlub mill-attur jirrigwarda drittijiet professjonali ghal xoghol extra gudizzjarju. Il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li drittijiet professjonali extra gudizzjarji ghandhom jigu ntaxxati mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Isegwi ghalhekk li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi dwar dawn id-drittijiet professjonali jekk l-istess drittijiet ma jkunux gew debitament intaxxati mill-imsemmija Qorti. Fil-kaz odjern ma jidhirx li dawn id-drittijiet gew hekk intaxxati u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-azzjoni attrici taqa' l-hinn mill-gurisdizzjoni tieghu kif ipprovdut fl-Artikolu 3(2) hawn fuq imsemmi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddikjara ruhu nkompetenti milli jiehu konjizzjoni tal-kaz odjern u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess kaz u jillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur."

L-appell interpost mill-attur jikkonsisti mill-aggravju uniku illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda hazin meta ddetermina li ma kienx kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba tieghu.

Dan l-appell jaqa' certament fil-parametri ta' l-Artikolu 8(2)(a) ta' l-Att V ta' l-1995 li jistabilixxi li appell lil din il-Qorti jista' jsir fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal. Jokkorri ghalhekk li din il-Qorti ta' revizjoni tezamina l-atti u, kif qed tigi mistiedna mill-appellanti, tistharreg jekk id-decizjoni tat-Tribunal ghandhiex tigi mwarrba jew konfermata.

L-Att kostituttiv tal-Kap 380 jiffakoltizza lit-Tribunal imwaqqaf b'din l-istess ligi biex "jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija". Dan skond kif provvdut fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 3.

Issa f'dan il-kaz it-Tribunal adit issolleva 'marte proprio' l-inkompetenza tieghu 'ratione materiae' fuq l-assunt tal-kwalifika li hu jaghmel ta' hlas ta' drittijiet professjonali lill-pretensjoni tal-attur. Kombacjat ma' dan hemm ukoll l-

osservazzjoni illi dawn l-istess drittijiet professjonali ma gewx ukoll preventivament intaxxati mis-Sekond'Awla.

Bir-rispett kollu din il-Qorti hi tal-fehma illi r-ragonament maghmul mit-Tribunal ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tieghu hu wiehed fallaci. Dan primarjament ghaliex huwa dejjem l-att promotur kif intavolat, l-premessi u t-talbiet, li jifformaw il-parametri li fihom it-Tribunal kellu jezercita l-gudizzju tieghu u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tieghu.

F'dan il-kaz l-attur qieghed jippretendi minghand il-konvenuta l-hlas fl-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150) ghal danni li hu jallega li kkawzatlu l-appellata meta kellu jirrikorri lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal protezzjoni taghha fil-konfront tal-ingurja allegatament subita (kopja tas-sentenza esebita fl-atti). Id-danni hekk mitluba ma jezawtorawx mill-kompetenza tat-Tribunal u anzi din il-kompetenza hija eradikata skond it-termini precizi tat-talba. Termini dawn li certament jirrientraw fil-qafas tal-Artikolu 3(2) surreferit.

Bir-rispett kollu, l-argumenti tat-Tribunal jistghu talvolta jitqiesu valevoli tal-meritu izda ma jregux fir-rigward tal-punt tal-kompetenza. Dan ghaliex huwa sintomatiku illi dato ma non concesso illi si tratta purament minn kwestjoni ta' drittijiet professjonali, jekk id-drittijiet pretizi ma humiex muniti b'taxxa ufficcjali tal-Qorti kompetenti din tibqa' materja li tinvolvi l-meritu tat-talba jew ahjar is-sostenn taghha.

Huwa pacifiku fi skorta ta' decizjonijiet illi b'applikazzjoni tar-regola li kull wiehed ghandu jirrispondi ghall-hsara li tigri bi htija taghha, min ikun rebbieh f'kawza ghandu dritt jitlob id-danni mill-parti l-ohra. (Ara b'ezemplari decizjonijiet a **Vol XXVII pI p72** u **Vol XXVIII pI p288**). Jekk imbaghad dawn id-danni u l-pretensjoni dwarhom humiex jew le fondati dik tibqa' materja rizervata ghall-epurazzjoni u apprezzament taghha fil-meritu. Dan jigri dejjem fil-kaz ta' azzjonijiet ghad-danni ta' liema xorta jkunu. Hekk per ezempju ma huwiex negat illi t-Tribunal 'de quo' ghandu gurisdizzjoni li jinvesti materji dwar danni

prestabbiliti derivanti minn incidenti stradali. Ugwalment dan ghandu jsib applikabilita` wkoll fil-kaz in disamina.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi milqugh u s-sentenza appellata mhassra. Il-Qorti tiddikjara li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu kompetenza jiehu konjizzjoni tat-talba tal-attur u ghalhekk qed tirrinvija lura l-atti processwali lit-Tribunal biex hemm tigi epurata u deciza l-kawza. Fic-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------